

Emenda 18

Enrique Guerrero Salom, Virginie Rozière
f'isem il-Grupp S&D

Rapport

A8-0050/2019

Paulo Rangel

Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman
(Statut tal-Ombudsman Ewropew)
2018/2080(INL)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Artikolu 2 – punt 8a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

8 a. *L-Ombudsman għandu jeżamina fi żmien xieraq jekk l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni jittrattawx b'mod adegwat il-każijiet ta' fastidju ta' kwalunkwe tip u xorta billi japplikaw korrettament il-proċeduri previsti fir-rigward tal-ilmenti. L-Ombudsman għandu jfassal konklużjonijiet xierqa dwar is-suġġett.*

L-Ombudsman għandu jaħtar, fi ħdan is-segretarjat, persuna jew struttura b'għarfien espert fil-qasam tal-fastidju li tkun kapaċi, fejn xieraq, tipprovdri pariri lill-persunal u ħaddiema oħra tal-UE. L-Ombudsman għandu jivvaluta l-proċeduri fis-seħħ għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe tip ta' fastidju fl-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll il-mekkaniżmi li jippenalizzaw lil dawk responsabbli, u jfassal konklużjonijiet xierqa dwar jekk dawk il-proċeduri humiex konsistenti mal-prinċipji tal-proporzjonalità, adegwatezza u azzjoni enerġetika, u jekk jipprovdur protezzjoni u appoġġ effettivi lill-vittmi.

Or. en

Emenda 19

Enrique Guerrero Salom, Virginie Rozière
f'isem il-Grupp S&D

Rapport**A8-0050/2019****Paulo Rangel**

Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) 2018/2080(INL)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Artikolu 2 – punt 8b (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

8 b. L-Ombudsman għandu jwettaq valutazzjonijiet regolari tal-politiki u rieżamijiet tal-proċeduri stabbiliti fl-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji rilevanti tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolamenti tal-Persunal u, fejn ikun xieraq, għandu jfassal rakkomandazzjonijiet konkreti għal titjib bil-għan li tiġi żgurata protezzjoni sħiħa għall-informaturi.

L-Ombudsman jista' jiġi kkuntattjat biex b'mod kunfidenzjali jipprovdi informazzjoni, pariri imparzjali u gwida esperta lill-informaturi potenzjali rigward il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. L-Ombudsman jista' wkoll jiftaħ inkjesti abbażi tal-informazzjoni pprovduta, fil-każ li l-prattiki deskritti jistgħu jikkostitwixxu amministrazzjoni ħażina fl-Unjoni. Sabiex dan l-għan ikun jista' jwettaq, ir-regolamenti tal-persunal applikabbli li jirrigwardaw is-segretezza jistgħu jiġu rinunzjati.

Or. en

Emenda 20

Enrique Guerrero Salom, Virginie Rozière
f'isem il-Grupp S&D

Rapport

A8-0050/2019

Paulo Rangel

Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) 2018/2080(INL)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Artikolu 3 – punt 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3 a. L-Ombudsman għandu jeżamina perġodikament il-proċeduri relatati mal-azzjoni amministrattiva tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u għandu jivvaluta jekk dawn humiex kapaċi jipprevjenu b'mod effettiv il-kunflitti ta' interess, jiggarrantixxu l-imparzjalità u jiżguraw ir-rispett sħiħ tad-dritt għal amministrazzjoni tajba. L-Ombudsman jista' jidentifika u jivvaluta każijiet possibbli ta' kunflitti ta' interess fil-livelli kollha li jistgħu jikkostitwixxu sors ta' amministrazzjoni ħażina, u f'dak il-każ għandhom jitfasslu konklużjonijiet speċifiċi u l-Parlament għandu jiġi infurmat dwar is-sejbiet rigward is-suġġett.

Or. en

Emenda 21

Enrique Guerrero Salom, Virginie Rozière
f'isem il-Grupp S&D

Rapport

A8-0050/2019

Paulo Rangel

Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) 2018/2080(INL)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Fir-rigward tal-ilmenti dwar id-dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali, wara analiżi xierqa u wara l-kunsiderazzjoni kollha meħtieġa, l-Ombudsman għandu jgħid rakkomandazzjoni rigward ir-rilaxx tad-dokumenti msemmija, li l-istituzzjoni, aġenzija jew korp konċernati għandhom iwieġbu għaliha fi żmien il-perjodi previsti mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Jekk l-istituzzjoni konċernata ma ssegwix ir-rakkomandazzjoni li tiżvela d-dokumenti msemmija, hi jeħtiġilha tagħti raġunijiet xierqa għar-rifjut tagħha.

Or. en